KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tat-22 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju, 2014 u li bdiet fil-5.05 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti :-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatriċi: | Is-Sinjorina Ann Maria Gauci (skużata) |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.05 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel, Nru. 20 – 8 u 21 – 8 (laqgħa b'urġenza) u wara dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

Il-laqgħa ġiet sospisa fil-5.15 p.m. biex saret taħdida u spjegazzjoni mall-kuntrattur Lawrence Borg dwar kontijiet pendenti dwar tisqija tas-siġar ġodda fil-Ġnien tal-Bidwi fix-xhur ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju u Lulju 2013.

Fil-5.35 p.m. il-kuntrattur ħareġ mill-Kamra tal-laqgħat u l-laqgħa tkompliet.

Il-Kunsill Lokali ddiskuta din l-ispjegazzjoni tal-Kuntattur Borg fejn qal li kien qed isaqqi darbtejn fil-ġimgħa. Is-Sindku qal li kienet ir-reponsabilta' tas-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien li jiġbed l-attenzjoni li l-kontijiet ma jaqbżux l-ammont mitlub mill-kuntrattur u li suppost toħrog sejħa għall-offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenti qal li kienu ntallbu kwotazzjonijiet iżda dawn baqgħu ma nfetħux u f'dan l-istadju l-Kunsill kien ħareġ sejħa għall-offerta għat-tindif u manutensjoni ta' dan il-ġnien u l-kuntratt beda jiffunżjona mill-1 ta' Novembru 2013. Is-Sindku qal li t-tisqija ta dawn is-siġar ġodda fil-Ġnien tal-Bidwi saret, u kienet neċċessarja li jsir hekk, kif anke kien mitlub mill-kuntrattur li ħawwel dawn is-siġar,

dan għaliex dawn s-siġar tħawwlu ftit biss qabel beda l-istaġun tas-sajf għalhekk kien jiħtiġilhom tisqija regolari. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-kuntrattur kien jiġi l-uffiċċju bid-delivery note wara li jkun saqqa u li dawn kienu jiġu ffirmati kemm minnu li dak iż-żmien kien Assistent Uffiċjal Prinċipali jew mis-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien jew mill-iskrivana. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn il-kontijiet pendenti għandhom jitħallsu peress li x-xogħol kien sar.

### Ftuħ tal-Offerta Nru. 02/2014 – M 125 *Surfacing in Triq Bardan – Ta' Sannat with concrete with low cycle environmental impacts Closing date Monday 23rd June 2014 at 10.00a.m.*

Il-Kunsill Lokali rċieva tlett offerti għal dan ix-xogħol f'din it-Triq. Dawn huma:

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Ammont** |
|---|---|---|
| 1 | Peter Paul Said | €22,442.42 |
| 2 | Gatt Tarmac Ltd. | €21,273.22 |
| 3 | Road Construction | €20,515.99 |
| 4 | Salvu Camilleri & Sons | Nil |

Il-Kunsill ddeċida li għandu jaħtar bord tal-għażla fuq din l-offerta. Għandhom jiġu avviċinati mis-Segretarju Eżekuttiv dawn il-membri għal dan il-bord; Chairman il-Perit Edward Sceri (li pprepara l-offerta), il-Perit Gordon Vella u l-Avukat Larry Formosa.

Is-Sindku qal li din it-triq issa ser tingħata wiċċ ġdid bil-konkos b'impatt ambejntali, il-parti l-oħra tat-triq ser isir mill-Ministeru għal Ghawdex meta tkun għaddiet is-sistema kollha tad-drenaġġ. Is-Sindku semma wkoll li f'din iż-żona x'ħin titlesta wkoll Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u Triq Pisoniano bit-tarmak (PPP) jkun għad fadal biss Triq Gerxija. Fit-Triq Gerxija iridu jgħaddu s-sistemi tal-ilma u d-drenaġġ kollha mill-ġdid. Il-Perit tal-Kunsill għandu jintalab sabiex jgħamel servey fuq din it-triq.

### Ftuħ tal-Kwotazzjonijiet 01/2014 (C, D) tal-Latrina Pubblika fi Triq Sannat

Kwotazzjoni 01(C)/2014 Provvista u installazzjoni ta' xogholijiet tal-elettriku, plumbing u tad-drenaġġ fil-latrina pubblika, Ta' Sannat

| | |
|---|---|
| X-Treme Technologies | €4,922.24 |
| Richard Cauchi | €5780.96 |

Peress li l-ammonti taż-żewġ kwotazzjonijiet qabżu l-ammont tal-kwotazzjoni din il-kwotazzjoni għanda toħroġ mill-ġdid.

Kwotazzjoni 01(D)/2014 Tqegħid u twaħħil ta' madum tal-art u tal-ħajt fil-latrina pubblika, Ta' Sannat

| | |
|---|---|
| Ganni Gauci | €1,930.00 |
| Simon Sultana | €2,043.05 |

Il-Perit Brian Curmi li ħejja d-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet għandu janaliza dawn il-kwotazzjonijiet.

Dan ix-xogħol li kellu jibda fil-bidu ta' Awwissu ser jkollu jiġi pospost sakemm il-Kunsill ikollu l-kwotazzjonijiet kollha għal dan ix-xogħol ta' renovazzjoni fil-latrina pubblika.

**Tiġdid ta' Kuntratti**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt Nru. 07/2013 tas-Servizz tal-Perit ser jagħlaq fit-13 ta' Lulju 2014 u jista jerġa jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel li dan il-Kuntratt għandu jiġġedded.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt Nru. 03/2013 tat-Tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika ser jagħlaq fl-20 ta' Lulju 2014 u jista jerġa jiġeded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel li dan il-Kuntratt għandu jiġġeded. Il-Kuntrattur għandu jiġi nfurmat li fix-xhur li ġejjin din il-latrina pubblika ser tiġi rinovata u għal dak iż-żmien biss il-Kunsill ser iwaqqaf temporanjament dan is-servizz.

**L-attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'ittra li s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita li bħas-sena l-oħra ser terġa torganizza kunċert mużikali bl-isem " Saint Margaret band in concert " u qed titlob lill-Kunsill Lokali l-kollaborazzjoni u l-għajnuna f'dan il-kunċert. Il-Kunsill qabel li jikkolabora u jgħin billi jipprovdi s-sound system, l-istage lights u l-kera tas-siġġijiet peress li din l-attivita' ser issir fil-Pjazza tar-raħal.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Festa talab lill-Kunsill sabiex waqt l-ikla tradizzjonali tal-festa jistiednu lil Freddie Portelli għal waqt din l-attivita. Il-prezz hu ta' €400. Il-Kunsill Lokali qabel ma din it-talba.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Għaqda tal-Armar talbet lill-Kunsill sabiex l-Kunsill jixgħel 8 floodlights minn fuq il-bjut tad-djar tal-Pjazza Santa Margerita biex ix-xogħol u t-tiżjin tal-Pjazza jidher aħjar. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva imejl minn JP Foundation dwar Quartet Concert fejn talbu li dan isir fil-Knisja. Il-prezz għal dan il-kunċert hu ta' €400. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan il-kunċert minħabba l-infieq finanzjarju fil-ġimgħa tal-festa.

Is-Sindku u l-Kunsillieri qablu li fil-ġimgħa tal-festa l-hawkers għandhom jarmaw fl-istess toroq li ramaw is-sena l-oħra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li fit-tlett ijiem tal-festa li jsiru portable public toilets fil-Pjazza fejn hemm il-passaġġ għall-egħieqi taċ-Ċimiterju peress li wara l-festa tas-sena l-oħra xi residenti mill-pjazza u residenti oħra ġibdulha l-attenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jitlob kwotazzjoni mingħand is-suppliers ta' dawn it-toilets. Il-Kunsill qabel li jekk il-prezz ikun raġjonevoli dan għandu jsir.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diskussjoni li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mall-Kumpanija La Ferla Insurance, il-Kunsill ġedded din l-Insurance Policy. Il-Kunsill qabel ma din l-offerta.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Memo 17/2014 dwar l-life streaming tal-laqgħat online u l-iskema ta' għajnuna finanzjarja għas-servizz tal-internet. Il-Kunsill qabel ma din l-għajnuna.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-sotto-kumitat għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-ġemellaġ mar-raħal ta' Pisoniano fl-Italja għandhom jiġu avviċinati s-Sur Carmel Camilleri eks Sindku u s-Sur Emanuel Terribile eks Kunsillier Ta' Sannat peress li kien f'dak iż-żmien li sar il-ġemellaġġ u li kienu huma l-persuni li ħadmu bis-sħiħ biex sar dan il-ġemellaġġ. Il-Kunsill qabel ma dan.

4. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana proponiet li għandu jinġabar tagħrif minn persuni l-soltu jiktbu artikli fuq ir-raħal sabiex l-quddiem nippublikaw ktejjeb għat-turist b'CD fuq Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan u ser tintalab li ssir laqgħa ma dawn il-kittieba.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Triq Sannat u qal li hu nfurmat mill-Ministeru għal Għawdex li t-tender ta din it-triq lest. Dan ser jinqasam f'żewġ fażi.

   - Phase 1 - Pjazza u Sannat Junction li għalihom għad fadal il-permessi tal-MEPA u ta' Transport Malta.
   - Phase 2 - Il-Qasam. Il-bini tal-ħitan li għandhom jinbnew mill-ġdid.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi żmien li ġej ser jiġi ffirmat l-Kuntratt tal-Water Service Corporation mall-Kuntrattur li ħa l-offerta biex jibdew ix-xogħolijiet minn Ħondoq ir-Rummien għal ġibjun il-kbir Ta' Ċenċ. Minn Ta' Sannat ser jgħaddi minnTriq il-Gruwa minn ħdejn il-fabrika tal-JCR għal Triq Ċenċ u minn Triq Dun Luqa għal Triq Ta' Ċenċ.

7. Is-Sindku qal lill-Kunsill li riċentament ġie avviċinat mill-Malta Film Commissioner fejn dan infurmaħ li producer prominenti wera x-xewqa li jinġibed film fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal ukoll li dan ser iħalli impatt qawwi fuq l-gżira Għawdxija u l-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin il-ħaddiema taż-żebgħa tat-toroq mill-Ministeru għal Għawdex ser jiġu jiżbgħu dawn is-sinjali tat-toroq. Il-Kunsill Lokali qabel u għandu jaħseb jixtri ż-żebgħa u l-materjal.

**Komunikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjorina AnnMarie Gauci – Ambaxxatriċi tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat ser tispiċċa mill-kariga peress li dan ix-xahar tagħlaq tmintax –il sena, għalhekk informa lill-Kunsill biex jaħseb ghal persuna oħra.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-cleaner tal-uffiċju amministrattiv qed titħallas b'ammont prekarju u għalhekk ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unnanimament li din għadha titħallas bl-ammont ġust ta' €5.78c is-siegħa skond kif hu maħruġ bil-liġi b'effett immedjat. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Korrispondenza**

Memos tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| 15/2014 | Posta Elettronika tal-Membri tal-Kunsill Lokali |
| 16/2014 | Performance Management and Indications |
| 17/2014 | Streaming tal-laqgħat online u skema ta'għajnuna finanzjarja għas-servizz tal-Internet – Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema. |
| 18/2014 | Korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali |
| 19/2014 | Skart mormi illegalment |
| 20/2014 | Kanali tal-Ilma (Water Culverts) |

**Ilmenti u suġġerimenti**

1. L-Avukat Geoffrey Mifsud Farrugia qed jikteb f'isem Elba Properties Ltd ta' "Cova Da Iria" Triq Galanton Vassallo, St. Venera rigward dar propjeta tagħha bl-isem ta' St. Antnin, Triq il-Kbira, Sannat u qed jilmenta li x-xogħol li sar fuq il-bankina ma sarx skond is-sengħa u riżultat ta' dan saret ħsara fil-faċċata tagħha. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb b'ittra bl-Avukat.

2. Is-Sinjura Sylvana Gauci li toqgħod "Amaryllis", Triq ta' Durell, Ta' Sannat qed titlob li jsir t-tikħil mal- bankina tal-istess residenza. Il-Kunsill qabel li qed jaħdem biex joħroġ tender biex jkollu kuntratt għal dan t-tip ta' xogħol biex din it-tiswija flimkien mal-kumplament ta' pendenzi ta' xogħol fuq bankini jsir.

3. Qed jintalab li ssir mera ma arblu fi Triq Sannat faċċata ta' Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li din il-mera ssir għandha tintbgħat ittra li Transport Malta biex jara eżatt fejn din il-mera għandha teħel.

4. Is-Sinjura Gloria Portelli li toqgħod 33, Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria qed titlob biex isir patching fi Triq Gerxija ħdejn "Razzett Bardan"numru 24 (li hu propjeta tal-istess

Sinjura) peress li hemm ħafna toqob u żrar. Il-Kunsill għandu joħroġ tender għal xogħol ta' patching.

5. Is-Sinjura Carmen Cilia li toqgħod "Garnija Court", Flat 3, Triq it-Tempju tal-Imramma, Sannat qed terġa tfakkar li għadu ma sar xejn rigward il-bankina ta' Garnija Court fl-istess Triq. Il-Kunsill innota dan l-ilment u bgħat l-ilment bis-sistema tal-Customer Care lil Ministeru għal Għawdex peress li din hi bankina ġdida.

6. Is-Sur Girgor Buttigieg li joqgħod "Margor', Triq ix-Xabbata, Sannat qed jilmenta li meta f'Novembru li għadda ġiet rranġata t-Triq ma sarx cement mal-bankina tiegħu b'konsegwenza li qed jidħol ħafna ilma ġol-kantina. Xtaq jirrimarka li faċċata fl-istess Triq saret ċinta tac-cement mal-bankini, dan kellu jsir l-istess man-naħa tiegħu! Xħin kellem lill-kuntrattur waqt li kienet qed issir l-istess Triq dan qallu li ser jirranġaha iżda għadu ma sar xejn. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi rranġata mill-Kuntrattur li kien qed jaħdem f'din it-triq.

7. L-istaff tal-Hotel Kempinski qed jissuġerixxu li jkomplu jnaddfu bl-inizjattiva tal-ministeru għal għawdex u qed jistaqsu hemmx xi area li teħtieg tindif partikolari u l-kunsill jipprovdi skip. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u qabel li ghandhom jiġu mnaddfa dawn it-toroq: Triq Dun Luqa, Triq tal-Gruwa, Triq Bardan, Triq Gerxija u Triq Pisoniano.

**Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista ta' pagamenti Numru 8 (annessa mall-minuti). Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat *sine die* fis-7.20 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**